



Brussell, 26 ta' Settembru 2023
(OR. en)

13334/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0293(NLE)**

**SCH-EVAL 201
ENFOPOL 389
COMIX 413**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	25 ta' Settembru 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12687/23	
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2022 tal- Portugall dwar l-applikazzjoni tal- <i>acquis</i> ta' Schengen fil-qasam tal- kooperazzjoni tal-pulizija

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2022 tal-Portugall dwar l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Settembru 2023.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

RAKKOMANDAZZJONI

biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2022 tal-Portugall dwar l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acqui*sta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbiliet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'Novembru 2022 twettqet evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-Portugall. Wara l-evalwazzjoni, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2023)2200, ġie adottat rapport li jkopri s-sejbiet u l-valutazzjonijiet, filwaqt li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (2) Matul l-evalwazzjoni ġew identifikati l-aħjar Prattiki mniżżlin hawn taħt; 1) Taħriġ konġunt għaċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana kollha kif ukoll parteċipazzjoni attiva tal-persunal taċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana biex jiġu appoġġati attivitajiet operazzjonali fil-qasam, 2) operazzjonijiet konġunti (rondi) mal-aġenziji internazzjonali tal-infurzar tal-liġi f'postijiet turistiċi 3) il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali u l-Pulizija Ġudizzjarja, inkluż l-SPOC u l-unità nazzjonali tal-Interpol, hija stabbilita sew u funzjonali
- (3) Jenħtieġ li jsiru rakkomandazzjonijiet dwar l-azzjonijiet korrettivi li jridu jittieħdu mill-Portugall sabiex jindirizza n-nuqqasijiet identifikati bħala parti mill-evalwazzjoni. Jenħtieġ li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet 1, 4, 5, 6 u 7.
- (4) Fid-9 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar il-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi. Il-Portugall huwa mistieden jieħu kont ta' dan meta jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet rilevanti fformulati f'din id-Deċiżjoni.
- (5) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri.
- (6) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 japplika mill-1 ta' Ottubru 2022. F'konformità mal-Artikolu 31(3) ta' dak ir-Regolament, l-attivitajiet ta' segwitu u monitoraġġ tar-rapporti ta' evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet, li jibdwu bil-preżentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni, jenħtieġ li jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/922.
- (7) Fi żmien xahrejn mill-adozzjoni tagħha, jenħtieġ li l-Portugall, skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2022/922, jistabbilixxi pjan ta' azzjoni biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha u biex jirrimedja n-nuqqasijiet identifikati fir-rapport ta' evalwazzjoni. Jenħtieġ li l-Portugall jipprovdi dak il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

TIRRAKKOMANDA:

li l-Portugall

Organizzazzjoni u responsabbiltajiet

1. Jagħti prijorità lill-proċess ta' ristrutturar tas-sistema Portugiża ta' kontroll tal-fruntieri sabiex jiggwarantixxi l-implimentazzjoni effettiva tas-sistema l-ġdida.

Strateġija tal-valutazzjoni tar-riskju, analiżi tar-riskju u prodotti analitiċi simili

2. ikompli bl-isforzi biex jimplimenta r-rakkomandazzjoni tal-evalwazzjoni preċedenti billi jiżgura r-robustezza tal-istrateġija ta' valutazzjoni tar-riskju adottata u l-"fehim strateġiku olistiku" tagħha.

Etika

3. iqajjem kuxjenza fi ħdan il-forzi tal-pulizija dwar il-possibiltajiet li jitressqu lmenti dwar każijiet ta' korruzzjoni u abbuż tas-setgħat.

Ftehim bilaterali

4. isegwi malajr in-negozjar mill-ġdid tal-ftehimiet bilaterali attwali ma' Spanja sabiex dawn jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-forzi tal-pulizija tagħha u jsiru għodda effettiva għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fiż-żona Schengen, u fl-istess ħin biex titqies ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/915 tad-9 ta' Ġunju 2022.
5. jadatta d-dikjarazzjonijiet tiegħu għall-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen biex ineħħi l-limitazzjonijiet għal insewiment transfruntier mill-awtoritajiet kompetenti Spanjoli fuq art Portugiża.

Punt Uniku ta' Kuntatt

6. jipproċedi bl-integrazzjoni legali u organizzattiva sħiħa tal-Uffiċċju Ċentrali Nazzjonali tal-Interpol u l-Unità Nazzjonali tal-Europol fl-istruttura tal-SPOC, sabiex ikun jista' jkun ċentru għall-iskambju internazzjonali kollu ta' informazzjoni li jkun dieħla u ħierġa.

Sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet

7. itejjeb b'mod urġenti sistema elettronika ta' ġestjoni tal-każijiet għall-entitajiet kollha tal-Punt Uniku ta' Kuntatt u ċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana li ser tiżgura l-awtomatizzazzjoni tal-ipproċessar tal-informazzjoni, is-sistema ta' traċċar għall-iskadenzi u l-monitoraġġ ta' xogħol b'lura kif ukoll magna tal-fluss tax-xogħol, li tinkorpora l-kanali kollha tal-iskambju internazzjonali ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi.

Ġestjoni tal-informazzjoni u bażijiet tad-data

8. iżid l-għadd ta' utenti billi jespandi l-aċċessibbiltà tal-pjattaforma tal-PIIC lil hinn mill-investigazzjonijiet kriminali attivi, jippermetti mill-inqas aċċess fuq bażi ta' hit/no hit, jikkollega l-PIIC mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, il-bażijiet ta' data tal-INTERPOL u s-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol, u jagħti aċċess għall-PIIC lill-SPOC.
9. itejjeb b'mod urġenti l-applikazzjonijiet ta' tiftix nazzjonali fuq apparat desktop u mobbli sabiex jitwettqu tftixijiet uniċi għal oġġetti u individwi, filwaqt li jiżgura wkoll li l-kontrolli fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u fil-bażijiet ta' data tal-Interpol ikunu obbligatorji.
10. jagħti aċċess għat-tiftix fis-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS) lill-investigaturi mill-awtoritajiet differenti tal-infurzar tal-liġi, flimkien ma' taħriġ korrispondenti tal-utenti finali u jestendi l-aċċess għad-dataloader tal-EIS lill-awtoritajiet kompetenti kollha tal-infurzar tal-liġi filwaqt li jiżgura li l-informazzjoni kriminali miksuba fl-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin tittella' meta tkun relatata mal-kriminalità serja u organizzata u t-terroriżmu.
11. jestendi l-aċċess dirett għall-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni tal-Europol għall-unitajiet investigattivi nazzjonali u reġjonali tal-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi kif ukoll għaċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana (PCCCs) u jiżgura monitoraġġ 24/7.
12. jipprovdi lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi Portugiżi, inkluż l-SPOC, u l-Amministrazzjoni Doganali aċċess għall-bażijiet tad-data rilevanti ta' xulxin fuq bażi ta' hit/no hit.

13. jirrieżamina l-linji gwida miktuba attwali rigward ir-regoli tal-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi, l-għażla ta' għodod internazzjonali ta' kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u l-mezzi ta' komunikazzjoni tagħhom (bl-ejenkar, pereżempju, ta' eżempji prattiċi).
14. jipprovdi aċċess dirett online għall-bażijiet tad-data nazzjonali rilevanti lill-Uffiċjali ta' Kollegament Portugiżi ssekondati barra mill-pajjiż.

Riżorsi umani u taħriġ

15. jisfrutta bis-sħiħ il-funzjonalitajiet possibbli tal-pjattaforma ta' taħlim disponibbli, billi jiżgura l-kontroll tal-kwalità tad-data tal-input, jintroduċi taħlim u testijiet online obbligatorji, b'riżultati li jistgħu jitkejlu u jistendi l-għadd ta' utenti.
16. jiżviluppa strateġija dwar l-iskjerament ta' uffiċjali ta' kollegament, b'kont meħud tal-valutazzjonijiet tar-riskju u tat-theddid li janalizzaw l-impatt tal-kriminalità barranija fuq is-sigurtà tal-Portugall innifsu u viċi versa.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
